MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 782/2011

**Simone Scerri f'isimha u għan-nom ta' bintha minuri Chanelle**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Awissu 2011 li permezz tiegħu l-attriċi *proprio et nomine* premettiet:

Illi hija dejjem ġabet il-kunjom Scerri miktub bl-"Sc" u mhux bl-"X".

Illi riċentement id-Direttur tar-Reġsitru Pubbliku qalilha illi għandha tiktbu bl-"X" u mhux bl-"Sc" kif kienet tagħmel dejjem. Dan jirriżulta kemm miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha u kemm ukoll issa konsegwentement tat-tifla.

Illi hija għandha bżonn li l-kunjom jibqa' dak li originarjament kien u dan għar-raġunijiet sempliċi illi saħansitra għandha *records* mediċi barra minn Malta b'dak il-kunjom u tinħoloq diffikulta, barra illi saħansitra l-kuntratt tas-separazzjoni tagħha huwa miktub b'dak il-mod.

Għalhekk kellha tagħmel din il-kawża.

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-attriċi u f'dak ta' bintha Chanelle l-kunjom Scerri huwa miktub bl-"X" meta fil-fatt hija u bintha dejjem konsistentement użaw l-isem Scerri u mhux Xerri.

Illi hija meħtieġa korrezzjoni fl-atti relattivi.

Jgħid il-konvenut għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tordna illi fl-atti tat-twelid ta' Simone Scerri li jġib in-numru 238 tas-sena 1970 u ta' Chanelle Scerri li jġib in-numru 7 tas-sena 2006, il-kunjom flok "Xerri" jitniżżel "Scerri" u dan kull fejn jirrikorri.

Il-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fit-23 ta' Settembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti f'isimha proprju bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta titlob għal korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li hija għandha tidher bil-kunjom *'Xerri'* u mhux *'Scerri' stante* li, skond kif jirriżulta mill-att tat-'Twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 238 tas-sena 1970 kunjomha huwa ndikat bħala *'Xerri'* u mhux *'Scerri'*;

Illi *in limine litis* ukoll huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita

pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi *in vena* preliminari wkoll, huwa essenzjali li t-talba tar-rikorrenti kif imniżżla fir-rikors ġuramentat tagħha tiġi preċeduta minn talba oħra separata li permezz tagħha titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li Simone Xerri kienet konsistentement imsejħa u magħrufa bil-kunjom *'Scerri'* u mhux bil-kunjom ta' *'Xerri'* kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tagħha;

Illi bla preġudizzju għal fuq espost it-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi l-imsemmi Att tat-Twelid oriġinali tar-rikorrenti f'isimha proprju ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija.

b. Illi bla ħsara għal premess, jekk tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-artikolu 253 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-dati ta' reġistrazzjoni rispettivi taħhom kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni fl-Att tat-Twelid tal-attriċi f'isimha proprju bin-numru ta' iskrizzjoni 238/1970 u / jew fl-Att tat-twelid ta' bintha Chanelle bin-numru ta' iskrizzjoni 7/2004, tenut kont tal-fatt li fl-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti Simone, kunjom missier missierha huwa wkoll imniżżel bħala *'Xerri'* u mhux *'Scerri'*. Għalhekk ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni jew tiswija ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmija atti tal-istat ċivili skond id-dettami tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. Illi skont l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-attriċi pro et noe għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hija qiegħda tagħmel riferenza għalihom;

Illi għaldaqstant, għal kull bwon fini, l-esponenti jissuġġerixxi li għandha tintalab annotazzjoni fis-sens li fejn jidher Simone Xerri fl-imsemmija Att tat-twelid tagħha bin-numru 238/1970 u fl-Att tat-twelid ta' bintha Chanelle bin-numru ta' iskrizzjoni 7/2004, jiġi miżjud il-kliem *'magħrufa bħala Simone Scerri'*.

Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2012 fejn il-kawża giet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-attriċi dejjem kienet magħrufa bħala **Scerri** u mhux **Xerri** kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Għalhekk f'dan il-każ jirriżulta żball komprensibbli. Jidher

pero’ li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------